

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUNSILL**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tal-10 ta' Novembru 2015**

**li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà  
u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungerija**

(2015/C 380/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem,

Wara li kkunsidra l-lista tal-membri u tal-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 <sup>(2)</sup> u tat-12 ta' Ġunju 2014 <sup>(3)</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fis-7 ta' Novembru 2016, bl-eċċezzjoni ta' ċerti membri u membri supplenti.
- (2) Il-gvern tal-Ungerija ppreżenta n-nomini għal żewġ postijiet vakanti li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fis-7 ta' Novembru 2016:

**I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN**

Pajjiż	Membru	Membru supplenti
Ungerija	Is-Sinjura Katalin BALOGH	Is-Sur Gyula MADARÁSZ

<sup>(1)</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1; (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Volum 2, p. 205).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 360, 10.12.2013, p. 8).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal-Litwanja u Malta (ĠU C 182, 14.6.2014, p. 14); Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal Franza (ĠU C 186, 18.6.2014, p. 5).

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx nominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'i Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GRAMEGNA

---